IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2026
COM(2026) 950 final

2026/0314 (BUD)

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2026

Aġġustamenti tan-nefqa, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2026, kif adottat fis-26 ta' Novembru 2025[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2026, adottat fis-7 ta' Lulju 2026[4],

– il-baġit emendatorju Nru 2/2026, adottat fil-15 ta' Settembru 2026[5],

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-"Regolament dwar il-kondizzjonlaità")[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

– Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[7], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

– Il-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tat-23 ta' Settembru 2026[8].

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2026.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-taqsima individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj).
2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
3 ĠU L, 2026/72, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2026/72/oj.
4 ĠU L, 2026/1855, 3.9.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget_suppl_amend/2026/1855/oj.
5 COM(2026) 460, 9.6.2026.
6 ĠU L 433I, 22.12.2020, pp. 1–10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj.
7 ĠU L 433I, 22.12.2020, pp. 11–22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.
8 COM(2026) 516, 23.9.2026

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. AĠĠORNAMENT TA' PARTITI TAN-NEFQA 4

2.1 Żieda fil-ħtiġijiet f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-koeżjoni u l-iżvilupp rurali 4
2.2 Introduzzjoni mill-ġdid ta' impenji sospiżi għall-Ungerija 5
2.3 Aġġornament tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd 6
2.4 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija 6
2.5 Tisħiħ tal-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku 7
2.6 Ritorn ta' riżerva – Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 7
2.7 Aġġustamenti addizzjonali għall-aġenziji deċentralizzati 8

3. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL 10

3.1 Multi u pagamenti ta' penali 10
3.2 Riżorsi Proprji Tradizzjonali – Surplus 10
3.3 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2026 11

4. FINANZJAMENT 11

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 13

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3 għas-sena 2026 jaġġorna kemm in-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit.

Fir-rigward tan-naħa tan-nefqa, l-ABE 3/2026 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

- tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 4,2 biljun, li minnhom EUR 2 biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 2 biljun għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u EUR 0,2 biljun għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- Introduzzjoni mill-ġdid fil-baġit tal-impenji baġitarji skont tliet programmi operazzjonali Ungeriżi fil-Politika ta' Koeżjoni li għadhom sospiżi skont miżura stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, soġġetta għat-tneħħija mill-Kunsill ta' dik il-miżura kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità;
- Aġġornament tal-ħtiġijiet għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqies li diversi ftehimiet u l-protokolli relatati mhux se jiġu konklużi fl-2026, u tal-ħtiġijiet għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd peress li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-2026 għall-baġits rispettivi ta' dawn l-organizzazzjonijiet hija ffinalizzata;
- Tisħiħ fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) biex jiġi żgurat ir-rimborż f'waqtu tan-nefqa lill-Istati Membri;
- Tisħiħ tal-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku biex ikunu kofinanzjati l-miżuri implimentati mill-Istati Membri wara tifqigħat ta' mard tal-annimali inklużi l-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja u d-Deni tal-Ħnieżer Afrikan;
- Ritorn mir-riżerva għal-linja operazzjonali tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tar-Regolament dwar ir-ritorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi;
- Aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE lil diversi aġenziji deċentralizzati, marbut mal-implimentazzjoni jew raġunijiet speċifiċi oħra, kif ġej:
  - Ritorn f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għall-programm LIFE. Minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-pakkett "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda" (OSOA), l-aġenzija mhux se jkollha bżonn l-approprjazzjonijiet korrispondenti;
  - Ritorn f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-programm l-UE għas-Saħħa mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), minħabba ħtiġijiet imnaqqsa għall-implimentazzjoni mill-Aġenzija tal-Att dwar il-Mediċini Kritiċi;
  - Ritorn f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-programm tad-dwana mill-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea (EUCA), minħabba dewmien fl-istabbiliment tal-aġenzija;
  - Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) u aġġustament tat-tabella tal-persunal tagħha wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

Kumplessivament, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 2 180 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' EUR 4 162 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Fuq in-naħa tad-dħul, dan l-ABE jinkorpora EUR 4 765 miljun addizzjonali ta' multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sat-30 ta' Settembru 2026 u EUR 1 100 miljun tas-surplus stmat tar-RPT. L-impatt kumplessiv fuq in-naħa tad-dħul huwa għalhekk tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 1 703 miljun.

2. AĠĠORNAMENT TA' PARTITI TAN-NEFQA

2.1 Żieda fil-ħtiġijiet f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-koeżjoni u l-iżvilupp rurali

It-"Trasferiment globali" huwa eżerċizzju annwali organizzat fil-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba jirrieżaminaw sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni tal-pagamenti rispettiva tagħhom tal-baġit kurrenti sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiddetermina l-ħtiġijiet eżatti u jiżgura l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. Talba għal trasferiment skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju tiġi ppreżentata kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala riżultat.

L-eżerċizzju ta' "Trasferiment globali" wera li l-baġit ivvutat li jifdal u d-dħul assenjat disponibbli mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' pagament stmati sa tmiem is-sena għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ dawn il-programmi kif ġej:

- **FEŻR u FSE+**

L-arretrat ta' talbiet għal pagament għall-koeżjoni fi tmiem l-2025 kien ta' EUR 18-il biljun. Fl-istennija ta' aktar informazzjoni dwar il-ħtiġijiet finali għall-2026, il-Baġit Emendatorju 2/2026 diġà kien jinkludi tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-politika ta' koeżjoni ta' EUR 5,36 biljun.

Jidher b'mod ċar , li l-implimentazzjoni fil-prattika qed taċċellera: l-awtoritajiet tal-programm diġà għażlu proġetti li jkopru 74 % tal-pakkett tal-politika ta' koeżjoni, meta mqabbla ma' 50 % fl-istess żmien is-sena l-oħra. L-aħħar previżjonijiet tal-Istati Membri minn Lulju 2026 jindikaw ukoll il-ħtieġa għal tisħiħ ulterjuri. It-tisħiħ propost ta' EUR 4 biljun għall-koeżjoni għandu l-għan li jnaqqas l-arretrat ta' tmiem l-2026 għall-livell fi tmiem l-2025, li se jtaffi wkoll il-pressjoni fuq il-baġit tal-2027.

- **FAEŻR**

Aktar kmieni din is-sena, l-Istati Membri kienu diġà rrevedew 'il fuq il-previżjonijiet tagħhom għall-2026 għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-2023–2027 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li għalihom il-Baġit Emendatorju 2/2026 kien jinkludi l-ewwel żieda ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 2,2 biljun. Ix-xejra hija kkonfermata mill-aħħar previżjonijiet tal-Istati Membri għall-interventi għall-iżvilupp rurali skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK kif ippreżentati f'Awwissu 2026: huwa identifikat nuqqas ta' EUR 435 miljun, li minnhom EUR 229 miljun huma inklużi fit-Trasferiment Globali u l-ammont li jifdal ta' EUR 206 miljun huwa mitlub f'dan l-abbozz ta' baġit emendatorju.

Iż-żieda dettaljata fl-approprjazzjonijiet ta' pagament mitluba f'dan l-ABE 3/2026 tinsab hawn taħt:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
05 02 01	FEŻR – Nefqa operazzjonali	0	2 000 000 000
07 02 01	Fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża – Nefqa operazzjonali	0	2 000 000 000
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	0	206 005 299

Total	**0**	**4 206 005 299**

2.2 Introduzzjoni mill-ġdid ta' impenji sospiżi għall-Ungerija

Fil-15 ta' Diċembru 2022, wara proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità[9] biex jissospendi 55 % tal-impenji baġitarji allokati lill-Ungerija taħt il-Programm Operazzjonali għall-Ambjent u l-Effiċjenza Enerġetika Plus, il-Programm Operazzjonali għat-Trasport Integrat Plus u l-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Territorjali u tal-Abitat Plus[10].

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, fid-9 ta' Settembru 2026 l-Ungerija bagħtet notifika bil-miktub lill-Kummissjoni fejn talbet it-tneħħija tal-miżuri adottati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-2022. Fit-23 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni adottat il-proposta[11] tagħha lill-Kunsill, li sabet li l-Ungerija kienet indirizzat b'mod adegwat it-tħassib li wassal għall-adozzjoni ta' miżuri protettivi u b'hekk irrakkomandat li dawn jitneħħew.

F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, meta jitneħħew il-miżuri li jikkonċernaw is-sospensjoni tal-impenji, l-ammonti li jikkorrispondu għall-impenji sospiżi għandhom jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni, soġġett għall-Artikolu 6 tar-Regolament QFP. Barra minn hekk, skont l-istess artikolu, l-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jiddaħħlu fil-baġit wara s-sena n+2. B'riżultat ta' dan, l-impenji sospiżi għas-snin 2022 u 2023 diġà ġew ikkanċellati b'mod definittiv.

Jekk il-Kunsill issa jiddeċiedi – abbażi tal-proposta mill-Kummissjoni – li s-sospensjoni tal-impenji trid titneħħa, l-impenji sospiżi taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2024 u 2025 jeħtieġ li jerġgħu jkunu rikostitwiti fil-baġit. Immedjatament wara d-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni se tadotta aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali biex jiżdiedu l-limiti massimi tal-QFP, sabiex ir-rikostituzzjonijiet ta' hawn fuq ikunu jistgħu jseħħu.

Abbażi ta' dan, dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju jipproponi li l-ammonti sospiżi għall-2024 u l-2025 jerġgħu jkunu rikostitwiti fil-baġit għall-2026, bil-kondizzjoni li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tiegħu li jneħħi l-miżura ta' sospensjoni, u li jagħmel dan f'perjodu ta' żmien li xorta jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jadottaw dan il-baġit emendatorju qabel tmiem is-sena.

Għaldaqstant, l-impatt kumplessiv fuq in-nefqa – kondizzjonali fuq dak li ntqal hawn fuq – huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
05 02 01	FEŻR – Nefqa operazzjonali	1 581 014 834	0
05 03 01	Fond ta' Koeżjoni (FK) – Nefqa operazzjonali	493 160 347	0
07 02 01	Fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża – Nefqa operazzjonali	105 527 341	0
09 03 01	Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) – Nefqa operazzjonali	21 462 250	0
Total		**2 201 164 772**	**0**

9 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 1.

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, ĠU L 325, 20.12.2022, p. 94.

11 COM(2026) 516, 23.9.2026.

2.3 Aġġornament tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2026 abbażi tal-iżviluppi fin-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni ma tistenniex li l-protokolli mal-Gabon, mal-Mauritania u mal-Marokk jiġu ffirmati fl-2026 kif kien previst inizjalment. B'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet fl-2026 se jitnaqqsu b'EUR 107,7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 82,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Fl-istess ħin, ġie identifikat surplus ta' EUR 0,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 0,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fil-linja baġitarja tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd. Dan jirriżulta minn ħtiġijiet aktar baxxi milli kien previst inizjalment, wara l-adozzjoni tal-baġits tal-2026 mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd rispettivi.

Ir-riżultat nett iżid il-marġni ta' impenn taħt il-limitu massimu fl-Intestatura 3 b'EUR 108,4 miljun. Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01*)	-107 682 600	-82 882 600
08 05 02	Promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli għall-ġestjoni tas-sajd u l-governanza marittima bi qbil mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) (kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-korpi internazzjonali)	-755 016	-169 238
Total		**-108 437 616**	**-83 051 838**

2.4 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

Il-previżjonijiet tal-Istati Membri sa tmiem is-sena għan-nefqa tal-FAEG jindikaw livell għoli ħafna ta' eżekuzzjoni tal-finanzjament disponibbli bħalissa. L-estimi riveduti juru li n-nefqa relatata mas-suq, b'mod partikolari fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, se tkun ogħla minn dik ibbaġitjata. Fl-istess ħin, abbażi ta' analiżi dettaljata tal-ammonti residwi dovuti għal kull Stat Membru flimkien mal-possibbiltajiet ta' tpaċija, huwa mistenni li jinġabar ammont kumplessiv aktar baxx ta' dħul assenjat fl-2026. In-nuqqas li jirriżulta huwa parzjalment ikkumpensat minn estimi aktar baxxi għall-pagamenti diretti u l-korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri, wara deċiżjonijiet favorevoli, iżda għad hemm diskrepanza netta ta' EUR 40 miljun.

Biex jiġi evitat ir-riskju ta' nuqqas ta' approprjazzjonijiet u jiġi żgurat rimborż f'waqtu tan-nefqa tal-FAEG lill-Istati Membri, qed jintalab tisħiħ ta' EUR 40 miljun mill-marġni taħt is-sublimitu tal-FAEG fl-intestatura 3.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
08 02 02 01	Settur tal-frott u l-ħxejjex	40 000 000	40 000 000
Total		**40 000 000**	**40 000 000**

2.5 Tishih tal-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku

Il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku tappoġġa l-miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri għat-tifqigħat tal-mard tal-annimali.

L-Unjoni qed tiffaċċja pressjoni sostnuta u bla preċedent minn tifqigħat kbar ta' mard tal-annimali, b'mod partikolari l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja, id-deni tal-ħnieżer Afrikan, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-infafet fil-ġilda. Matul il-perjodu 2021–2026, l-għadd ta' tifqigħat tal-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja mmultiplika b'sitta meta mqabbel mal-QFP preċedenti 2014–2020, u l-għadd ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan kważi rdoppja. Il-Kummissjoni tappoġġa l-miżuri essenzjali ta' emerġenza meħtieġa biex jitrażżnu dawn it-tifqigħat u jiġu limitati l-impatti sanitarji, ekonomiċi u kummerċjali tagħhom, permezz ta' rimborżi *ex post*. Dawn il-miżuri jillimitaw ir-riskju ta' aktar tixrid u kostijiet ogħla fi stadju aktar tard, li jkollhom konsegwenzi sinifikanti għall-funzjonament tas-Suq Uniku, għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi u saħansitra għas-saħħa tal-bniedem.

Mill-2021, diġà ġew mobilizzati EUR 482 miljun taħt il-Programm tas-Suq Uniku għal dan l-għan. Madankollu, iż-żieda qawwija fil-frekwenza, l-iskala u l-kost tat-tifqigħat qabżet bil-kbir ir-riżorsi disponibbli taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari. B'riżultat ta' dan, ir-rati ta' kofinanzjament diġà kellhom jitnaqqsu minn 50–75 % fil-passat għal 20–30 % għat-tifqigħat mill-2023 'il quddiem. Minkejja dan it-tnaqqis, l-obbligi pendenti għal ftehimiet ta' għotja ffirmati u futuri huma stmati għal madwar EUR 430 miljun, li għalihom madwar EUR 305 miljun biss f'approprjazzjonijiet huma attwalment disponibbli fl-2026 u l-2027. Filwaqt li tifqigħat li jmorru lura għas-sena 2024 jistgħu jiġu koperti mid-disponibbiltajiet eżistenti, huwa meħtieġ ammont addizzjonali ta' EUR 125 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fl-2026 u fl-2027 biex ikopri r-rimborżi għal tifqigħat li seħħew fl-2025.

Għalhekk, huma meħtieġa approprjazzjonijiet addizzjonali b'mod urġenti biex l-Unjoni tkun tista' tibda l-proċess tal-ftehim ta' għotja dwar it-tifqigħat ta' mard tal-annimali fl-2025 u biex tiġi appoġġata l-kapaċità ta' rispons ta' emerġenza tal-Istati Membri. Huwa propost li jiġi pprovdut tishih ta' EUR 47 miljun f'dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju, billi jintuża bis-sħiħ il-marġni li jifdal taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-Intestatura 1. L-ammont li jifdal ta' EUR 78 miljun huwa propost li jiġi ffinanzjat permezz ta' tishih fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2027. Il-ftehimiet ta' għotja se jiġu ffirmati progressivament, u l-biċċa l-kbira tal-pagamenti għall-kofinanzjament se jiġu implimentati fl-2027, u huwa għalhekk li ma ntalbet l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali fl-2026.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti	47 006 803	0
Total		**47 006 803**	**0**

2.6 Ritorn ta' riżerva – Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

Fil-baġit tal-2026, ammont ta' EUR 900 000 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament tqiegħed f'riżerva għall-benefiċċju tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), biex jiffinanzja r-reklutaġġ ta' ħames aġenti kuntrattwali ladarba

jiġi adottat ir-Regolament dwar ir-ritorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi[12]. Minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tar-Regolament, issa qed jiġi propost li dawn l-approprjazzjonijiet jiġu ttrasferiti għal-linja operazzjonali tal-AMIF, u b'hekk tissaħħaħ il-Faċilità Tematika.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
10 02 01	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	900 000	900 000
30 01 01	Riżerva amministrattiva (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 10 01 01*)	-900 000	-900 000
Total		**0**	**0**

2.7 Aġġustamenti addizzjonali għall-aġenziji deċentralizzati

2.7.1 Ritorn ta' approprjazzjonijiet mhux użati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Minħabba dewmien u restrizzjonijiet li jaffettwaw l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda"[13] u l-leġiżlazzjoni riveduta dwar l-ilma[14], l-ECHA ma setgħetx twettaq l-attivitajiet ippjanati tagħha fl-2026. Parti mill-approprjazzjonijiet inizjalment ippjanati għall-2026, li jammontaw għal EUR 4,1 miljun, għalhekk mhux se jibqgħu meħtieġa mill-ECHA.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tirritorna għall-programm LIFE dawk l-approprjazzjonijiet li għadhom disponibbli fil-linja baġitarja għall-kontribuzzjoni tal-UE lill-ECHA, għal ammont ta' EUR 2,4 miljun. Qed jiġi propost li jiġu rkuprati l-EUR 1,7 miljun li jifdal – li diġà tħallsu lill-Aġenzija – bħala dħul assenjat intern. Dan l-ammont tal-aħħar huwa ppjanat li jiġi riportat għall-baġit tal-aġenzija għall-2027, biex ikopri parzjalment il-ħtiġijiet akbar għan-nefqa tal-IT li tirriżulta mill-iskeda ta' implimentazzjoni riveduta.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
09 10 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali	-2 426 722	-2 426 722
09 02 01	Natura u bijodiversità	0	2 426 722
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	2 426 722	0
Total		**0**	**0**

2.7.2 Ritorn ta' riżerva – Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

Fil-baġit tal-2026, EUR 651 000 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament tqiegħdu f'riżerva biex l-EMA tkun tista' timplimenta kompiti skont l-Att dwar il-

[12] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE.

[13] Ir-Regolament (UE) 2025/2457 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (ĠU L, 2025/2457, 12.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2457/oj).

[14] Id-Direttiva (UE) 2026/805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2026 li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L, 2026/805, 20.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2026/805/oj).

Mediċini Kritiċi (CMA)[15]. Wara r-reviżjoni tal-proposta tas-CMA f'Mejju 2026, u minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-proposta, il-ħtiġijiet għall-EMA naqsu għal EUR 100 000. Għalhekk, huwa propost li jiġi rritornat ammont ta' EUR 551 000 mir-riżerva għall-programm l-UE għas-Saħħa.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-partita baġitarja 06 10 03 01*)	-551 000	-551 000
06 06 01	Programm l-UE għas-Saħħa	551 000	551 000
Total		**0**	**0**

2.7.3 Ritorn ta' riżerva – Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea (EUCA)

Fil-baġit tal-2026, EUR 928 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament tqiegħdu f'riżerva għall-bidu tal-EUCA. Madankollu, wara dewmien fl-istabbiliment tal-aġenzija deċentralizzata, il-ħtiġijiet għall-EUCA naqsu b'EUR 98 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u b'EUR 581 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Għalhekk, huwa propost li ammont ta' EUR 98 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn jiġi rritornat mir-riżerva għall-programm tad-dwana, filwaqt li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiġu rritornati lill-baġit.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 06*)	-98 000	-581 000
03 05 01	Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)	98 000	0
Total		**0**	**-581 000**

2.7.4 Trasferiment mill-FNE-Trasport għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)

Il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji hija proposta li tiżdied b'EUR 400 000 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-użu tal-Kapaċità tal-Infrastruttura Ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea[16]. Din iż-żieda hija proposta li tiġi ffinanzjata permezz ta' riallokazzjoni mill-pakkett baġitarju eżistenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – il-fergħa tat-Trasport.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
02 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Trasport	-400 000	-400 000
02 10 03	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	400 000	400 000
Total		**0**	**0**

[15] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għat-tisħiħ tad-disponibbiltà u s-sigurtà tal-provvista ta' prodotti mediċinali kritiċi kif ukoll id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali ta' interess komuni u l-aċċessibbiltà tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/795.

[16] ĠU L, 2026/1184, 10.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1184/oj

L-adozzjoni tal-kompiti l-ġodda teħtieġ ukoll żewġ pożizzjonijiet addizzjonali fit-tabella tal-persunal u żewġ aġenti kuntrattwali fl-2026. It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

2.7.5 Aġġustamenti għat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Il-Kummissjoni tipproponi tabella tal-persunal aġġornata għall-EMSA (li tittrasforma kariga waħda AST9 f'kariga waħda AD6, mingħajr impatt baġitarju). Dan isegwi talba mill-aġenzija wara l-irtirar ta' kollega AST u valutazzjoni interna tal-ammont ta' xogħol.

It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

3. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

L-ABE 3/2026 jipproponi li fil-baġit tal-2026 jiġi inkorporat ammont ta' EUR 6 065 miljun f'multi definittivi u pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2026 (żieda ta' EUR 4 765 miljun meta mqabbel mal-ABE 2/2026) u ammont ta' EUR 1 100 miljun f'RPT addizzjonali minħabba dħul ogħla minn dak previst fil-baġit.

3.1 Multi u pagamenti ta' penali

Meta jitqiesu l-multi definittivi u l-pagamenti ta' penali mħallsa sa Ottubru 2026, huwa propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2026:

a) EUR 4 125 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.
b) EUR 234 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.
c) EUR 406 miljun ta' mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.
d) EUR 0,3 miljun ta' redditi negattivi fuq multi kkanċellati jew imnaqqsa.

Għalhekk qed jiġi propost li jiżdiedu l-ammonti rrapportati fl-AB 2/2026 ta' EUR 1 300 miljun b'EUR 4 765 miljun, u b'hekk jammontaw għal EUR 6 065 miljun. Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	AB 2/2026	ABE 3/2026	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	955 327 953	4 125 310 876	5 080 638 829
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	268 063 119	234 172 707	502 235 826
4 2 4	Imgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali	98 536 784	406 191 443	504 728 227
4 2 5	Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi fuq multi kkanċellati jew imnaqqsa	-22 715 250	-310 876	-23 026 126
4 2 9	Multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn	865 504	0	865 504
Total		**1 300 078 110**	**4 765 364 150**	**6 065 442 260**

3.2 Riżorsi Proprji Tradizzjonali – Surplus

Il-Baġit Emendatorju 2/2026 inkluda l-previżjonijiet riveduti għall-2026 għan-naħa tad-dħul tal-baġit, kif miftiehem fil-197 laqgħa tal-KKRP fid-29 ta' Mejju 2026. Madankollu, abbażi ta' ammont ogħla ta' dazji doganali li saru disponibbli aktar milli kien previst matul il-perjodu Jannar-Settembru huwa xieraq li jiżdiedu l-estimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) għal ammont totali ta' EUR 1 100 miljun.

3.3 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2026

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta mqabbla mal-AB 2/2026 huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Stat Membru	ABE 2/2026	ABE 3/2026	Ammont ġdid
	(1)	(2)	(3) = (1) +(2)
Il-Belġju	4 693 986 838	-58 833 077	4 635 153 761
Il-Bulgarija	813 039 302	-10 190 400	802 848 902
Ir-Repubblika Ċeka	2 472 230 511	-30 986 225	2 441 244 286
Id-Danimarka	3 013 904 972	-37 775 415	2 976 129 557
Il-Ġermanja	33 352 554 956	-418 031 304	32 934 523 652
L-Estonja	302 727 362	-3 794 297	298 933 065
L-Irlanda	3 194 445 667	-40 038 260	3 154 407 407
Il-Greċja	1 790 219 777	-22 438 099	1 767 781 678
Spanja	12 378 597 515	-155 149 770	12 223 447 745
Franza	21 706 071 811	-272 057 643	21 434 014 168
Il-Kroazja	699 088 360	-8 762 171	690 326 189
L-Italja	16 169 928 367	-202 669 218	15 967 259 149
Ċipru	238 534 370	-2 989 721	235 544 649
Il-Latvja	313 780 960	-3 932 840	309 848 120
Il-Litwanja	608 755 161	-7 629 962	601 125 199
Il-Lussemburgu	445 514 868	-5 583 955	439 930 913
L-Ungerija	1 630 247 097	-20 433 047	1 609 814 050
Malta	161 840 785	-2 028 466	159 812 319
In-Netherlands	8 470 992 289	-106 172 974	8 364 819 315
L-Awstrija	3 694 461 727	-46 305 318	3 648 156 409
Il-Polonja	6 650 508 505	-83 355 555	6 567 152 950
Il-Portugall	2 210 092 366	-27 700 660	2 182 391 706
Ir-Rumanija	2 736 011 890	-34 292 384	2 701 719 506
Is-Slovenja	515 206 725	-6 457 453	508 749 272
Ir-Repubblika Slovakka	977 028 233	-12 245 790	964 782 443
Il-Finlandja	2 031 076 883	-25 456 932	2 005 619 951
L-Iżvezja	4 602 048 814	-57 680 753	4 544 368 061
Total	**135 872 896 111**	**-1 702 991 689**	**134 169 904 422**

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 2 179,7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 4 162,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. In-naħa tad-dħul tal-baġit hija proposta li tiġi aġġustata kif stabbilit f'dan l-ABE 3/2026.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2026 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2023 sa 2026 huma stmati għal EUR 2 286,0 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)				
Sena ta' mobilizzazzjoni	**2026**	**2027**	**Wara l-QFP 2021-2027**	**Total**
2023	83,2	0,0	0,0	**83,2**
2024	83,7	46,3	0,0	**129,9**
2025	15,8	9,4	5,7	**30,9**

2026	2 038,7	1,7	1,6	**2 041,9**
Total	**2 221,4**	**57**,3	**7,2**	**2 286,0**

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

		Bağit 2026 (inkl. AB 1–2/2026)		Abbozz ta' Bağit Emendatorju 3/2026		Bağit 2026 (inkluż ABE 1-3/2026)	
		AI	**AP**	**AI**	**AP**	**AI**	**AP**
1	**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**	**22 162 993 197**	**23 336 627 126**	**47 006 803**	**-581 000**	**22 210 000 000**	**23 336 046 126**
	Limitu	*22 210 000 000*				*22 210 000 000*	
	Marġni	*47 006 803*		*-47 006 803*			
2	**Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri**	**71 650 838 425**	**78 527 657 166**	**2 179 702 522**	**4 000 000 000**	**73 830 540 947**	**82 527 657 166**
	Limitu	*67 523 000 000*		*2 180 000 000*		*69 703 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*2 015 115 425*				*2 015 115 425*	
	Li minnhom taħt l-EURI	*2 112 723 000*				*2 112 723 000*	
	Marġni			*297 478*		*297 478*	
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	56 594 001 997	63 658 110 625	2 179 702 522	4 000 000 000	58 773 704 519	67 658 110 625
	Limitu	*56 593 000 000*		*2 180 000 000*		*58 773 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 001 997*				*1 001 997*	
	Marġni			*297 478*		*297 478*	
2b.	Reżiljenza u valuri	15 056 836 428	14 869 546 541			15 056 836 428	14 869 546 541
	Limitu	*10 930 000 000*				*10 930 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*2 014 113 428*				*2 014 113 428*	
	Li minnhom taħt l-EURI	*2 112 723 000*				*2 112 723 000*	
	Marġni						
3	**Riżorsi Naturali u Ambjent**	**56 969 415 080**	**55 217 345 231**	**-46 975 366**	**162 953 461**	**56 922 439 714**	**55 380 298 692**
	Limitu	*57 100 000 000*		*22 000 000*		*57 122 000 000*	
	Marġni	*130 584 920*		*68 975 366*		*199 560 286*	
	Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	**40 451 259 481**	**40 398 066 815**	**40 000 000**	**40 000 000**	**40 491 259 481**	**40 438 066 815**
	Sublimitu tal-FAEG	*41 764 000 000*				*41 764 000 000*	
	Differenza dovuta għall-ittondjar eskluża mill-kalkolu tas-submarġni	*773 000*				*773 000*	
	Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*-1 222 773 000*				*-1 222 773 000*	
	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sublimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)	*40 542 000 000*				*40 542 000 000*	
	Submarġni tal-FAEG	*89 967 519*		*-40 000 000*		*49 967 519*	
4	**Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri**	**5 018 866 515**	**3 887 896 129**			**5 018 866 515**	**3 887 896 129**
	Limitu	*5 103 000 000*				*5 103 000 000*	
	Marġni	*84 133 485*				*84 133 485*	
5	**Sigurtà u Difiża**	**2 813 506 939**	**2 253 300 408**			**2 813 506 939**	**2 253 300 408**

	Limitu	*2 810 000 000*				*2 810 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*3 506 939*				*3 506 939*	
	Marġni						
6	**Il-Viċinat u d-Dinja**	**15 600 020 092**	**16 569 670 072**			**15 600 020 092**	**16 569 670 072**
	Limitu	*15 614 000 000*				*15 614 000 000*	
	Marġni	*13 979 908*				*13 979 908*	
7	**Amministrazzjoni Pubblika Ewropea**	**13 280 675 287**	**13 280 675 287**			**13 280 675 287**	**13 280 675 287**
	Limitu	*12 506 000 000*				*12 506 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*23 306 848*				*23 306 848*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	*751 368 439*				*751 368 439*	
	Marġni						
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**10 002 910 735**	**10 002 910 735**			**10 002 910 735**	**10 002 910 735**
	Sublimitu	*9 464 000 000*				*9 464 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	*538 910 735*				*538 910 735*	
	Submarġni						
	Approprjazzjonijiet għall-intestaturi	**187 496 315 535**	**193 073 171 419**	**2 179 733 959**	**4 162 372 461**	**189 676 049 494**	**197 235 543 880**
	Limitu	***182 866 000 000***	***201 170 000 000***	***2 202 000 000***		***185 068 000 000***	***201 170 000 000***
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***2 041 929 212***	***2 221 417 865***			***2 041 929 212***	***2 221 417 865***
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)	***751 368 439***				***751 368 439***	
	Li minnhom taħt l-EURI	***2 112 723 000***	***2 112 723 000***			***2 112 723 000***	***2 112 723 000***
	Marġni	***275 705 116***	***12 430 969 446***	***22 266 041***	***-4 162 372 461***	***297 971 157***	***8 268 596 985***
	Strumenti speċjali tematiċi	**5 715 921 020**	**5 022 549 248**			**5 715 921 020**	**5 022 549 248**
	Approprjazzjonijiet totali	**193 212 236 555**	**198 095 720 667**	**2 179 733 959**	**4 162 372 461**	**195 391 970 514**	**202 258 093 128**

** Iċ-ċifri kollha jassumu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tneħħi s-sospensjoni tal-impenji tal-politika ta' Koeżjoni għall-Ungerija, u l-adozzjoni konsegwenti mill-Kummissjoni ta' aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali biex jiżdiedu l-limiti massimi rilevanti kif xieraq.*